**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦIN 24TA' SETTEMBRU, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Kunsillieri s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia,l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato u Dr Tiffany Ann Attard infurmaw li ma jistawx jattendu minħabba raġunijiet personali.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **40.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 40.1.1 | | Inqraw l-emails ta' appoloġija tal-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato u Dr Tiffany Ann Attard infurmaw li ma jistawx jattendu minħabba raġunijiet personali. L-appoloġiji ġew approvati. |
| | | |
| **40.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 40.2.1 | | Fuq 39.6.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq dan il-punt irridu naħsbu għal futur mhux għall-applikazzjoni li ħarġet dan l-aħħar |
| | | |
| | | |
| 40.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u tletin - il seduta. |
| | | |
| ***40.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 40.3.1 | | Is-Sindku tat il-kondoljanzi lill-familja tal-Kunsillier Dr Tiffany Ann Attard, għat-telfa li kellhom fil-familja. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 40.3.2. | | Is-Sindku Rita Grima, qalet li l-ġimgħa l-oħra ġiet ikkuntatjata mid-Direttur Ġenerali ta' Clean Malta, fejn staqsa jekk il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq iridx ikun parti minn proġett pilota għal-tindif minn ħaddiema ta' Clean Malta għal 6 xhur. Minħabba li diġa kien hemm qbil li tali servizz jingħata bi ħlas għal xahrejn, is-Sindku aċċettat.<br>Ġie ffirmat tali ftehim.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu ma jaqbilx li l-Gvern jikkompeti mal-kuntrattur privat.<br><br>Tqajmet diskussjoni fuq is-servizz li qed jingħata u f'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv, daħħlet lid-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Department, online, fejn spjega fid-dettal x-xogħol li qed isir. Id-Direttur Ġenerali informa li hu lest li jattendi għas-seduta li jmiss biex juri aktar ċar x'qed isir fiż-Żurrieq. |
| | | |
| | | |
| 40.3.3 | | Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera biex nhar is-Sibt li ġej imorru jaqtgħu ż-żebbuġ mis-siġar ta' fejn il-Mitħna tax-Xarolla. |
| | | |
| 40.3.4 | | Nhar is-Sibt l-1 ta' Ottubru, ser tkun l-aħħar quddiesa tal-Arċipriet Mons. Dun Karm Mercieca u wara ser ikollu bibita li għaliha huma mistiedna r-residenti kollha taż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li inxtara token ta' kotba biex jingħata bħala apprezzament. |
| | | |
| 40.3.5 | | Nhar is-Sibt li għadda kien hawn it-test tas-smiegħ, fil-binja tal-Kunsill Lokali, li għaliha applikaw 66 persuna, li kollha attendew u l-attivita' kienet success. |
| | | |
| 40.3.6 | | Din il-ġimgħa kienet il-car free week u s-Sindku pproponiet li l-Kunsill taż-Żurrieq, jorganizza lejla, car free, fl-1 ta' Ottubru, f'Misraħ Repubblika. Is-Sindku qalet li wara din il-ġurnata, tara s-sitwazzjoni u jekk tkun irnexxiet, tibda issir kull l-ewwel Sibt tax-Xahar. |
| | | |
| 40.3.7 | | Fir-rigward tal-bdil tal-kulur tal-istemma, s-Sindku qalet li ser ikun hemm bord li jkun jikkonsisti f'rappreżentant mill-Kunsill, rappreżentant mill-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u espert eraldiku. Il-proċess jinbeda wara li jintgħażlu dawn il-persuni.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kyle Mifsud 19:00. |
| | | |
| ***40.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 40.4.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• fi Triq il-Wied fejn hemm il-parkeġġ fuq il-ħnejja, hemm bżonn li fin-nofs ta' triq isiru bollards għax min ikun ġej minn Ħaġar Qim, qed jidħol *wrong way* biex |

| | | |
|---|---|---|
| | | • jipparkja fuq il-ħnejja. Kien hemm qbil li titressaq it-talba lill-TM biex isibu soluzzjoni.<br>• Triq Dun Ġużepp Zammit, qabel ma saret it-triq bit-tarmak, kien hemm poles ma Vjal il-Blue Grotto u tneħħew. Jeħtieġ li jerġgħu jsiru. Ma kienx hemm qbil. |
| | | |
| 40.4.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• l-arbli tad-Deautche Welle bejn in-Nigret u Bubaqra, ilhom ma jintużaw u jekk m'għadx hemm użu għalihom, għandhom jitneħħew. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ix-xogħlijiet fi Vjal ix-Xarolla – staqsa meta ser issir bit-tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kif jitlesta il-proġett mit-tqattieh u tqegħied tal-pajpijiet kollha, jsir it-tarmak it-tul tat-triq kollha.<br>• Residenta miż-Żurrieq, Jessica Borg Gigho daħlet f'kompetizzjoni sportiva, barra minn Malta u reġgħet kisbet pożizzjoni tajba ħafna. Kien hemm qbil li terġa tingħata ittra ta' rikonoxximent, f'isem il-Kunsill.<br>• Bozoz ġodda li saru biex tinxtgħel l-istatwa fi Vjal il-Blue Grotto qed itelfu l-viżta tal-vetturi. Dawn il-bozoz ma ġewx approvati mill-Kunsill u hu ma jaqbilx li saru. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li din hi sitwazzjoni tal-biki li jsiru tali bozoz u ma jgħaddux mis-seduta tal-Kunsill. Is-Segretaru Eżekuttiv qalet li hi qatt ma tellgħet fis-seduta talbiet ta' bozoz ġodda biex jiġu approvati mill-Kunsill, u dan kien l-istess każ.<br>• Fi Vjal ix-Xarolla qed isiru ċertu tlielaq ta' vetturi. Hu ssuġġerixxa li ssir cctv għall-ispeed. Is-Segretarju Eżekuttiv żieded l-ilmenti ta' Vjal il-Blue Grotto u Vjal l-Indipendenza, li jinsabu fl-istess sitwazzjoni. Ma kienx hemm qbil li jiġu installati cctv fit-toroq imsemmija.<br>• Il-Kunsill kien qed jaħdem biex ikollu post alternattiv bħala uffiċċju għax issa sar żgħir għax-xogħol/servizz, li qed jgħati l-Kunsill. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk hux possibbli li ma jkollux sala u uffiċċju biex jopera minn post ikbar? Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li fi Vjal l-Indipendenza hemm plot vojta tal-Gvern. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Lands biex jiġi vverifikat dan u jekk hu l-każ, tintalab biex tingħata lill-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill kellu s-sala tal-iskola li fi ftit żmien ieħor ser tittieħed mingħand il-Kunsill u tintuża għal-iskola. Hu talab li ssir diskussjoni mal-iskola biex il-Kunsill flimkien mal-iskola, jifformulaw pjan ta' x'jista jsir biex il-Kunsill ikollu parti mil-binja tal-iskola, għall-użu tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jsir appuntament mal-kap tal-iskola. |
| | | |
| 40.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq dawn l-ilmenti:<br>• residenti fi Vjal il-Blue Grotto jridu li ssir zebra crossing oħra fejn kienet qabel fi Vjal il-Blue Grotto lejn Triq il-Qr. Ma kienx hemm qbil li tiżdied oħra għax inkella ser ikun hemm 6 zebra crossing fi triq waħda.<br>• Tinkiteb email lit-TM biex il-Kunsill ifakkar biex jibda l-proġett miftiehem fi Vjal il-Blue Grotto. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-ħajt ta' Triq Bubaqra, li qed jaqa u li bħalissa jinsab imdawwar b'xibka tal-ħadid, ser jibqa fis-sitwazzjoni li jinsab? Kien hemm qbil li l-każ jitkompla bl-avukat tal-Kunsill. |
| | | |
| 40.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Il-mera li hemm fejn Ġnien l-Emigranti tkissret. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik il-mera hi għal użu tas-sidien tal-garaxxijiet. Fil-Kunsill kien hemm qbil li installazzjoni ta' mera għal-użu tas-sidien ta' garaxxijiet, l-ewwel darba issir mil-Kunsill u jekk tinkiser, din terġa ssir minn min ikun qed jużha (sidien tal-garaxxijiet)<br>• Triq il-Mitħna hemm 2 bollards biex jissewwew<br>• Sprall biex jitnaddaf fi Triq Dun Ġużepp Barbara.<br>• Tliet każijiet ta' diżabilta/mard li jeħtieġu reserved parking temporanju . Kien hemm qbil li jsiru. |
| | | |
| 40.4.5 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• Staqsa fuq ix-xogħol ta' Dar Mattia Preti. Is-Sindku qalet li l-Ministeru bagħat riċerkatur fuq il-post u ser imexxi bil-kxif tal-affreski jekk jinstab li jeżistu.<br>• Il-fondi fuq green infrastructure - ser jipprova jdaħħal id-dog park fi Triq il-Madonna tal-ħniena u fuq plot fi Triq Espeditu Deguara biex tiġi open area. Fir-rigward ta' plot fi Triq Espeditu Deguara, l-ewwel il-Kunsill irid jara jekk hix art tal-Gvern. Kien hemm qbil fuq dan. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-prijorita' jagħtiha lill-familji u għalhekk fejn ser ikun hemm dog park important li jkun hemm spazzju għall-familji kollha u mhux għal min għandu l-klieb biss. |
| | | |
| | | |
| ***40.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 40.5.1 | | Ma kienx hemm rapport x'jitressqu. |
| | | |
| **40.6** | | **Ilmenti u Suġġerimenti għall-Pulizija – Ser ikun preżenti s-Supretemdent Galea Scannura** |
| | | |
| 40.6.1 | | Is-Sindku laqgħet lis-Supretendent u rringrazzjatu ta' kemm il-Kunsill isib koperazzjoni mingħandu. Hu qal li beda s-servizz tiegħu ftit qabel bdew il-festi tar-raħal u fiż-żewġ festi ix-xogħol mexa tajjeb ħafna. Hu qal li fil-qarib iż-Żurrieq ser ikollu s-servizz tal-community police. |
| | | |
| 40.6.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qajjem dawn l-ilmenti:<br>• Reputatament ikun hemm parkeġġ ħażin f'Misraħ Repubblika (viċin l-għassa tal-pulizija). |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qajjem dawn l-ilmenti:<br>• Qsari fuq il-bankina f'Misraħ Repubblika jostakolaw il-bankina. Intalbet l-assistenza tal-pulizija u ma ttiħditx azzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qajjem dawn l-ilmenti:<br>• Kellna diversi laqgħat ma' supretendenti preċedenti. Il-perspettiva fuq l-għassa taż-Żurrieq mhix tajba. Hu qal li l-Kunsill ikollu ilmenti minn resident li ma jinqdewx mill-għassa taż-Żurrieq.<br>• Speed eċċessiv f'toroq arterjali,<br>• nuqqas ta' pulizija fl-għassa.<br>• Biex isiru rondi bil-lejl.<br><br>Is-Sindku qalet li ta' spiss tirrapporta vandaliżmu fi Ġnien il-Ġibjun u fejn il-mitħna tax-Xarolla u l-pulizija ma jitilgħux b'ronda. Il-vandaliżmu hu kontinwu. |
| | | |
| 40.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilmenti li jitressqu ta' spiss fil-Kunsill:<br>• Triq il-Qroll jgħaddu vetturi wrong way,<br>• Il-furnar ta' Triq il-Qroll jħalli l-volum tal-istereo jgħajjat mill-5:00am 'l quddiem u xi drabi anke fis-siegħat ta' billejl<br>• Ipparkjar ħażin fi Vjal il-Blue Grotto fejn il-ħwienet Miracle foods u Village core.<br>• Ipparkjar ħażin fi Triq l-Imqabba fejn il-Convenience shop.<br>• Vandaliżmu fejn il-Mitħna tax-Xarolla u fi Ġnien il-Ġibjun.<br>• Fadal bollards u barriers madwar ir-raħal, ilhom mill-festi tar-raħal imferxin.<br><br>Is-Supretendent wiegħed li ser jieħu azzjoni fuq l-ilmenti li tqajmu.<br>Il-Kunsill irringrazzja lis-Supretendent. |
| | | |
| **40.7** | | **Aġġudikazzjoni ta' sejħa għall-offerti -Servizz ta' Perit** |
| | | |
| **40.7.1** | | L-offerenti kienu dawn:<br>Med Developers Designers and Consultants Ltd – 17,475<br>Daniel Darmanin – 34,250<br>Design and Technical Resources Ltd – 24,550<br>QPM Ltd – 47,350<br>EMDP – 23,275<br>Perit William Lewis – 13,875<br>Arc Studio – 37,377<br>DFD – 17,000<br><br>Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud qalu li huma ma jaqblux li jerġa jkun il-Perit William Lewis, il-perit tal-Kunsill, minħabba s-servizz li qed jgħati lill-Kunsill, anke jekk hu jkun l-orħos offerent u jkollu r-rekwiżiti kollha meħtieġa. Il-Kumplament tal-Kunsill qablu li jekk ikun il-Perit William Lewis, l-orħos offerent għandu jerġa joħodha hu t-tender. |

| | | |
|---|---|---|
| | | L-aġġudikaturi huma l-Kunsilliera – Dr Tiffany Ann Abdilla, Kaydem Schembri u Kyle Mifsud. Intalbet kjarifikazzjoni lil tliet offerenti minħabba li l-prezz tagħhom hu orħos min-norma. |
| | | |
| | | |
| **40.8** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***40.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 40.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Waqt l-aħħar seduta, kienet ġiet approvata minn TM t-traffic management – One way system fi Triq l-Inġiniera. Is-seduta kienu rawha ħafna resident u diversi ġew fl-uffiċċju jilmentaw bis-sistema li approva il-Kunsill. Speċjalment l-inkonvenjent li l-Kunsill ser joħloq lil vetturi li jridu jħottu fil-ħwienet tal-viċin. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li jitneħħa l-parkeġġ li hemm fi Triq L-inġiniera.<br>• Resident fi Triq il-Luq jrid li faċċata tal-garaxx tiegħu jsiru double yellow lines kif saru faċċata ta' garaxxijiet ohra. Is-Segretarju Eżekuttiv wriet ritratti tas-sitwazzjoni tat-triq u tal-garaxxijiet. Kien hemm qbil li kollox jibqa kif inhu bħalissa.<br>• l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed titlob lill-Kunsilli Lokali biex fl-okkażjoni tat-30 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, jindikaw xi ħaġa sinonima u li tirrappreżenta lil-lokalita. Aktar dettalji ser jingħataw aktar 'l quddiem. Il-Kunsill għandu jistaqsi x'ser isir eżatt u kieku l-Kunsill jgħid li l-Mitħna tax-Xarolla jew Ħal Millieri.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'ser jagħmel il-Kunsill fuq id-dawl tal-Milied ta' Vjal il-Blue Grotto. Is-sena l-oħra dan id-dawl inqata diversi drabi. Jekk jerġgħa jsir it-tiżjien bħal ta' snin preċedenti, ser ikun perikoluż għal klieb li jgħamlu l-qadi tagħhom fil-konki tal-palm. Il-kuntrattu li jieħu ħsieb id-dawl tal-Milied staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li jgħaddi cable tad-dawl minn gos-service road u jitla għal kull palma li hemm, biex isir it-tiżjien tad-dawl tal-Milied. Kien hemm qbil li jitkellem mal-Kunsillier Kyle Mifsud.<br>• In-nofs Maratona taż-Żurrieq qed jippruvaw li issir fit-13 ta' Novembru, imma s'issa l-organizzatur għadu ma kellimnix. Fil-Kunsill għad għandna t-trophies u l-midalji tas-sena 2020 tar-race li ma kienetx saret iminħabba l-Covid 19, imma jridu jinbidlu id-dati minn fuqhom.<br>• It-tiġrija ta' 5k li s-sena l-oħra saret f'Jum iż-Żurrieq, għas-sena 2023 qed jitolbu li ssir fl-4 ta' Ġunju. Minħabba l-preċett u Festa Ħut, kien hemm qbil li ssir fit-21 ta' Mejju. Kien hemm qbil li din it-tiġrija tibqa tkun fit-3 Ħadd ta' Mejju. Din ser tkun fil-kalendarju tat-tiġrijiet ta' Malta.<br>• Ser isir kors tal-first aid ta' ġurnata, ġo Raħal Ġdid. Il-Kunsill qed jiġu mħeġġa li jippromowtjawh.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Kunsillier Kenneth Farrugia 21:15 |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| ***40.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 40.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numru 9 u l-minuti tal-Gal Xlokk numru 130. |
| | | |
| ***40.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 40.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €84,493.64<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsillier Dino Bonnici u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***40.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 40.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:40 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26 ta' OTTUBRU, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 26 ta' OTTUBRU, 2022.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**